# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju, 2018**

**Numru 12**

**Rikors Numru 192/17TA**

**M.A.& A. Services Limited (C 31650)**

**vs**

**Auntie Lucy Retail Limited (C 74251)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-Socjeta` Attrici prezentat fl-1 ta' Marzu, 2017 u mahluf minn Mark Migneco fl-istess data li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi r-rikorrenti biegh apparat u ghamel diversi xogholijiet lill-intimat *inter alia,* gewwa l-istabiliment Intercontinental Casino;

2. Illi r-rikorrenti wettaq l-inkarigu tieghu skond is-sengha u l-arti u interpella lill-intimat ihallas izda dan baqa' inadempjenti;

3. Illi r-rikorrenti baghat numru ta' fatturi lill-intimat, kopja hawn annessi u mmarkati Dok A u DoK B;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:-

1. Tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti ghal apparat mibjugh lilu kif ukoll ghal xogholijiet li saru favur tieghu;

2. Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand, il-valur ta' apparat mibjugh u konsenjat lilu u tax-xoghlijiet li saru;

3. Tikkundanna li l-intimat ihallas lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru, kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2017;

Rat li s-Socjeta` Konvenuta debitament notifikata skont kif trid il-ligi baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Mark Migneco ghan-nom tas-Socjeta` Attrici fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2018;

Rat li s-Socjeta` Konvenuta inghatat zmien biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha kif irid l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li s-Socjeta` Konvenuta baqghet ma ghamlet ebda nota ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal taghha fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum;

**Ikkunsidrat**

Waqt il-kawza kien hemm zmien, meta il-partijiet kienu qeghdin jipprovaw jaslu ghal xi xorta ta' transazzjoni. B'danakollu din ma sehhitx.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Mark Migneco ghas-Socjeta` Attrici (a` fol 24) li fil-mori tal-kawza s-Socjeta` Konvenuta ghamlet xi pagamenti. Skont dan ix-xhud il-bilanc illum jinsab fis-somma ta' erbgha u disghin elef hames mija sitta u erbghin Euro (€94,546.00) (a` fol 25). Fis-seduta tad-19 ta' Gunju, 2018, l-Avukat David Farrugia Sacco ddikjara li l-bilanc baqa' dak imsemmi hawn fuq. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ammont li qieghed jintalab huwa gustifikat.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza b'dan il-mod:-

**Tilqa' l-ewwel talba** Attrici;

**Tilqa' t-tieni talba** Attrici u ghalhekk tillikwida l-valur tal-apparat mibjugh u konsenjat lis-Socjeta` Konvenuta bhala dak ta' erbgha u disghin elef hames mija sitta u erbghin Euro (€94,546.00);

**Tilqa' t-tielet talba** Attrici u tikkundanna lis-Socjeta` Konvenuta thallas lis-Socjeta` Attrici l-ammont hekk likwidat ta' erbgha u disghin elef hames mija sitta u erbghin Euro (€94,546.00) bl-imghaxijet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Spejjez** kollha tal-kawza inkluz l-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru ikunu a` karigu tas-Socjeta` Konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**